MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Numru. 1075/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**KONTRA**

**NICHOLAS MASSA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra;

Nicholas Massa ta' 23 sena, bin Joseph u Nikolina nee' Attard, mwieled Pieta' nhar is- 7 ta' Settembru 1987, residenti 96, Joe u Kolina, Triq it- Tabib Nikol Zammit, Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 407587M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb għall-imputazzjonijiet;

Talli nhar id- 29 ta' Jannar 2009, ghall- hin tal- 11.30am gewwa l- ghassa ta' Haz- Zebbug, Malta, iddenunzja lill-Pulizija ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq halaq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f' dawn il-proċeduri, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu żmien xieraq skond il-liġi sabiex jikkonsidra, u għalhekk il-Qorti setgħet tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 110 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------